MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2003

Numru. 10/2002
Kawza Numru. 2

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**JOSEPH SULTANA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH SULTANA** ta’ tlieta w sittin sena, bin Liberat u Josephine nee Hili, imwieled ix-Xaghra, Ghawdex nhar t-tlettax ta' April 1938 u li joqghod 'Josmar', Triq Wied is-Seqer, Victoria, detentur tal-karta tal-identita numru 25938G, gie imressaq quddiemha akkuzat talli fit-tlieta ta' Marzu 2002 ghall-habta tan-nofs siegha ta' wara nofsinhar f'Marsalforn, Ghawdex;

(a) F'lok pubbliku neza gharwien jew ma kienx liebes xieraq;

(b) Talli b'eghmil zieni kkorrompa lil Rebecca Lofts ta' hmistax il-sena, persuna ta' taht l-eta;

(c) Talli offenda l-pudur jew il-morali, b'eghmil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghal pubbliku.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom u b'mod partikolari l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar is-sbatax ta' Mejju 2002 esibiti fl-atti.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.
Semghet x-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni, lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju, kif wkoll lil martu Maria Sultana bhala xhud tad-Difiza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kwaza fis-seduta tal-erbgha w ghoxrin ta' April 2003.

Ikkunsidrat:

Illi **nhar s-sitta w ghoxrin ta' Marzu 2002 xehed l-Ispettur Antonello Grech** fejn stqarr li fl-erbgha ta' Marzu 2002, kien ircieva rapport li fil-gurnata ta' qabel u cioe fit-tlieta ta' Marzu 2002, kien hemm persuna li kien neza gharwien Ghar Qawqla, Marsalforn u dan fil-presenza ta' certa Rebecca Lofts ta' hmistax il-sena u ommha Gene.

Il-Pulizija minnufih bdiet bl-investigazzjoni preliminari billi baghtet lil WPC 50 Mangion fl-ekwati ndikati minn nies li ghamlu r-rapport flimkien u fil-kumpanija taghhom. Meta s-sinjuri Lofts kienu ma WPC 50, Marsalforn, raw lil imputat odjerni miexi bil-kelb iswed w identifikawh bhala wiehed mill-persuni li kienu ghamlu rapport dwaru aktar kmieni u persuna ohra li huwa maghruf bhala il-'Pucie'.

Sussegwentement fil-bitha tal-Ghassa huwa zamm *identification parade* w s-sinjura Lofts u bintha ddentifikaw

lil imputat odjern bhala wiehed mill-persuni li dwaru ghamlu rapport filwaqt li fil-konfront tal-persuna l-ohra li kienu ddentifikaw qabel maghruf bhala l-'Pucie', huma irtiraw l-affermazzjoni taghhom li kienu gharfuh u fil-fatt skuzaw ruhhom mieghu. Huwa ghamel wkoll konfront bejn l-imputat u Gene Lofts u hija kkonfermat li kien hu li rat il-gurnata ta' qabel Ghar Qawqla.

**WPC 50 Mangion xehdet nhar l-erbatax ta' Mejju 2002** fejn spjiegat kif Gene Lofts kienet ghamlet rapport f'isimha u f'isem bintha minuri Rebecca nhar l-erbgha ta' Marzu 2002 fejn allegat li l-gurnata ta' qabel rat ragel ta' cirka sittin sena, irqieq u twil, jaghmel gesti oxxeni waqt li kien gharwien fil-presenza taghha u ta' l-istess bintha. Fuq domanda tal-Ispettur, irrakkuntat dak li qalulha s-sinjuri Lofts u cioe li l-persuna li raw nezghet gharwiena, bdiet timmasturba u wara taghmel sess orali. Qalet wkoll li s-sinjuri Lofts qalulha li dan r-ragel kellu kelb iswed. Hija giet ordnata takkumpanja lis-sinjuri Lofts f'Marsalforn, u fil-presenza taghha vicin l-fond maghruf bhala 'Il-Kaptan' fil-bajja ta' Marsalforn, ghadda l-imputat bil-kelb u minnufih is-sinjuri Lofts identifikawh bhala r-ragel li kienu ghamlu rapport dwaru. Kien ghalhekk li talbuh jitla l-Ghassa sabiex jitkomplew l-investigazzjonijiet.

Mistoqsija mid-Difiza jekk is-sinjuri Lofts gharfux bniedem iehor, ix-xhud wiegbet fl-affermattiv pero qalet li waqt li nzamm l-*identification parade* bl-imputat u l-persuna l-ohra li kienet originarjament giet identifikata minnhom, huma rtiraw l-pretenzjoni taghhom fil-konfront tieghu peress li ma kienux certi dwarha u kien ghalhekk li l-Pulizija ressqet biss lil imputat.

**Gene Lofts xehdet fis-sebgha ta' Marzu 2002 viva voce l-Qorti** erbat ijiem wara l-allegat incident. Hija spjiegat kif dakinhar tat-tlieta ta' Marzu 2002 kienet miexja fuq il-bla ma bintha meta raw persuna ta' sess maskili twila w irqieqa ta' cirka sittin sena tinza hwejjigha, timmasturba u wara taghmel sess orali ma bniedem tal-istess sess. Hija identifikat lil imputat fl-Awla bhala l-persuna li kienet gharwiena u li ratu jimmasturba. Spjiegat li fil-fatt kellu l-kostum tal-ghawm imnizzel.

Mistoqsija in kontro ezami kemm kienet boghod mill-persuna li ddentifikat sussegwentement bhala l-imputat, hija wiegbet li kien boghod xi ghaxar piedi, pero hija kienet f'livell ghola u ghalhekk setghet tarah.  Hija spjiegat wkoll fuq domanda tad-Difiza, x'kien liebes l-imputat dakinhar u b'mod car u inivoku, iddeskriviet dak li kien liebes u cioe par jeans, flokk u qmis bil-buttuni.  Spjiegat kif kollox gara ghall-habta tan-nofs siegha ta' wara nofsinhar u gara f'hakka t'ghajn.

Irrakkuntat wkoll kif waslet biex gharfet lil imputat odjern u cioe li meta marret taghmel rapport l-ghada u nizlet Marsalforn fil-kumpanija ta' Ufficjal tal-Pulizija, rat lil istess imputat bil-kelb miexi u mill-ewwel gharfitu w identifikatu lil Pulizija.   Hija ghalhekk gharfitu qabel ma saret l-*identification parade* fl-Ghassa ghaliex kienet hi li nnotatu u attirat l-attenzjoni tal-pulizija dwaru.  Fil-fatt ghall-ewwel hasbet li kienet gharfet wkoll t-tieni persuna pero wara li sar l-*identification parade* l-Ghassa, ma kienetx aktar certa u fil-fatt bidlet t-twemmin taghha dwaru.

**Rebecca Lofts** irrakkunat kif dakinhar tat-tlieta ta' Marzu 2002, ghall-habta tan-nofs siegha ta' wara nofsinhar, waqt li kienet miexja ma ommha fuq il-blat, kien hemm persuna, li ddentifikat bhal l-imputat, li qalilha biex toqghod attenta ghaliex il-blat kien jizloq.  Rat wkoll ragel fuq il-blat jixxemmex bl-ilbies tal-bahar fuqu.  Hija ghaddiet lil imputat u baqghet miexja ma ommha u baqghu sejrin fid-direzzjoni fejn kien hemm dan r-ragel qed jixxemmex. Meta waslet vicin tieghu innotat li kien gharwien.  Ommha gibditilha l-attenzjoni dwar dan u qaltilha biex tkompli miexja u sabiex ma tharisx lejh.  Hija wara nnotat r-ragel li kien kellimha qabel u cioe l-imputat, javvicina lil dan r-ragel li kien qed jixxemmex, ratu jinza, jimmasturba u sussegwentement jaghmel sess orali mar-ragel l-iehor. Hija stghagbet b'dan u ghalhekk flimkien ma ommha telqu minn fuq il-post.  Ikkonfermat li meta l-imputat kellimha kien vicin taghha u f'idu kellu kelb iswed zghir b'hafna suf. Hija kkorroborat dak li qalet ommha kif fil-fatt wara li ghamlet r-rapport meta kienu mal-Pulizija raw lil imputat bl-istess kelb f'idejh miexi.

**L-imputat irrilaxxja stqarrija skond l-ligi l-ghada tal-allegat incident kif del resto jirrizulta mid-dokument AG 1 esibit fl-atti a fol 48** u f'din l-istqarrija huwa cahad li nhar t-tlieta ta' Marzu 2002 mar Ghar Qawqla, pero meta gie mistoqsi domandi dwar l-akkuzi odjerni u cioe jekk immasturbax quddiem mara u bintha waqt li kien fil-kumpanija ta' ragel iehor, huwa ghazel li ma jirrispondix. Dwar dan l-agir s'issa u cioe sal-gurnata ta' llum, sakemm jidhlu fl-emendi prospettati b'Att III tas-sena 2003, il-Qorti ma tistax tghaddi ebda kumment dwar is-skiet tal-imputat f'stqarrija u dan ghaliex ghandu kull dritt li jibqa sieket u ma jwiegeb ghall-ebda domanda u jistrieh biss fuq il-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni sabiex tipprova l-kaz taghha. Izda jekk l-imputat jaghzel li jipprova xi haga, dan irid jghamlu sal-grad ta' probabbli.

**L-imputat ghazel li jixhed viva voce u fil-fatt nhar l-erbgha w ghoxrin ta' April 2002** xehed li dakinhar tat-tlieta ta' Marzu 2002, u stqarr li huwa kien Marsalforn miexi bil-kelb iswed tieghu pero mhux Ghar Qawqla. Huwa esibixxa ritratt tal-kelb tieghu li hu iswed, sufi w imdaqqas. Wiehed irid jqis li mill-incident 'l hawn ghaddiet sena u ghalhekk l-probabbilita hu li l-kelb kiber fid-daqs wkoll ghalkemm baqa iswed u sufi. Huwa pero kkonferma li fil-hin indikat mis-sinjura Lofts ma kienx d-dar u proprju kien ghadu kif kiel u mar passiggjata. Huwa ressaq lil martu sabiex tikkolobora l-versjoni tieghu li ma kienx d-dar ghall-habta tan-nofs siegha ta' wara nofsinhar u li rritorna lura ghall-habta tas-siegha ta' wara nofsinhar. Naturalment, x'ghamel waqt li kien barra s-sinjura tieghu ma setghetx tghid ghaliex ma kienetx mieghu, ghalkemm stqarret li meta rritorna lura deher normali.

L-imputat esibixxa wkoll pjanta sabiex jindika lil Qorti d-distanza li hemm mill-lukanda Calypso sa Ghar Qawqla, post ben maghruf minn din il-Qorti kif preseduta.

Illi d-Difiza qed issostni li l-imputat m'ghandux jinstab hati ghas-segwenti ragunijiet. Fl-ewwel lok ghaliex il-Prosekuzzjoni m'irnexxilhiex tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi u fil-fatt fakkret lil Qorti dwar il-grad ta' prova rikjest ghal sejba ta' htija. Fit-tieni lok peress li l-

identifikazzjoni tal-imputat ma saritx skond l-ligi u fit-tielet lok, ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni ma hiex kredibbli u hija kontradettorja f'diversi brani.

Il-Prosekuzzjoni minn naha l-ohra ssostni li ppruvat l-kaz taghha 'l hinn minn kull dubbju ragjonevoli u dan ghaliex permezz ta' xhieda li taw, l-imputat gie ddentifikat bhala l-persuna li kkommettiet r-reati in dezamina.

Ikkunsidrat:

Illi d-Difiza bdiet t-trattazzjoni taghha billi fakkret lil Qorti dwar l-grad ta' prova li hija rikjesta fil-kamp penali u cioe r-regola generali li l-oneru tal-prova huwa mixhut fuq il-Prosekuzzjoni li qed takkuza [vide **Il-Pulizija v Antonio Schembri** deciza mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-dsatax ta' Dicembru, 1936***].

Ghalhekk din il-Qorti, bhal kull Qorti ohra, hija fid-dmir li ssib htija tal-imputat jekk il-provi tal-Prosekuzzjoni huma totalment sodisfacenti u li m'ghandha jkollha l-ebda dubbju dwar il-kolpevolezza tal-imputat.  L-icken dubbju kkawzat f'dawn l-provi jew bil-provi prodotti mid-Difiza, ghandu per forza jmur favur l-imputat li ghandu mmedjatament jigi ddikjarat liberat.  Din hija il-prassi legali f'dan il-pajjiz [vide **Il-Pulizija v Austin Joseph Psaila et** deciza mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha ta' April, 1992***].

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuza dedotta, ghandha tigi ppruvata oltre kull dubbju regjonevoli, cioe oltre kull dubbju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel, referenza ghal sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha ta' Settembru, 1994*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Philip Zammit et** u tghid pero mhux kull icken dubbju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li 'dubbju ikun dak dettat mir-raguni.'

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Dicembru, 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjiegazzjoni moghtija minnn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni '*proof beyond any reasonable doubt*.'

*"Proof beyond any reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible, but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Huwa importanti wkoll li l-Qorti tfakkar lil partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi ndizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appel Kriminali nhar d-disgha ta' Gunju, 1998*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader** hemm referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet ***Teper v The Queen [1952] AC 480, 489***.

*"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Ottubru, 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Gauci et**, li:

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Bhala konkluzzjoni tal-introduzzjoni, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu isir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista jghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati, kemm individwalment, kif wkoll komplessivament.

Illi din il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet tal-fatti u cioe dik prosposta mis-sinjuri Lofts, kif allegat mill-Prosekuzzjoni stess u dik proposta mill-imputat li jichad dak li gie allegat fil-konfront tieghu.

Din il-Qorti sfortunatament ma hiex qeghda f'posizzjoni vantaggjuza kif tkun is-soltu meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ma kienetx hi li ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien u cioe hadet z-zmien taghha sabiex tigbor u tisma viva voce il-provi kollha u ghalhekk setghet tikkontrolla il-kredibilita u veracita tax-xhieda prodotti quddiemha. L-ezercizzju ta' ezami tax-xhud kif kontemplat fl-artikolu 657 tal-Kap 9 u cioe li tevalwa l-imgieba u l-karattru ta' kull xhud li semghet u li taghmel apprezzament taghha ghal mod ta' kif x-xhieda jwiegbu ghad-domandi li jsirulhom quddiemha, ghal kull interess li jista jkollu kull xhud u b'hekk tuza l-kriterji kollha li l-ligi taghtiha sabiex tkun f'posizzjoni li tikkontrolla l-kredibilita tax-xhud li f'dan il-kaz huwa mportanti hafna peress li hija rinfaccjata b'versjonijiet konfligenti tal-fatti u ghalhekk f'dan il-kaz, il-Qorti ghamlet apprezzament tax-xhieda moghtija mill-imputat waqt li kien fil-pedana tax-xhieda u dik tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni, kif traskritta fl-atti u dan sabiex tara liema versjoni sejra taccetta u hu biss wara li ghamlet dan

l-ezercizzju li ghandha tara jekk jibqghux d-dubbji ragjonevoli fiha jew le.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Settembru 2002*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjiegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfligenti. Jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura ghandu jillibera, jew jekk dan moralment konvint li l-versjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-versjoni li jaccetta u jekk dik il-versjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provediment iehor. Issa jekk il-Qorti thoss li hemm xhieda aktar kredibbli minn ohra, tkun effettivament qed ssib htija '*on a balance of probabilities*' u mhux ghaliex ikun hemm prova u ma jkollha ebda dubbju dettat mir-raguni dwar il-htija tieghu.

Fil-fatt kif gie sottolineat mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax ta’ Mejju, 1997*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker:**

*“It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one”.*

Illi s-sinjuri Lofts dehru konsistenti f'dak li qalu fis-sens li f'dak li qalu lil Ufficjal tal-Pulizija gie ripetut kwazi *verbatim* l-Qorti bla ma ziedu xejn. Illi huma ddentifikaw lil imputat b'certezza sa mill-bidu nett filwaqt li meta identifikaw terza persuna bhala t-tieni persuna kontra min xtaqu l-Pulizija jipprocedu, huma ma kienux certi dwarha u ghalhekk skuzaw ruhhom mal-Pulizija. Illi huma ddentifikaw lil imputat tlett darbiet wara l-allegat incident u cioe darba minnhom quddiem "Il-Kaptan" meta kienu ma WPC 50 Mangion, darb'ohra fl-Ghassa waqt l-*identification parade* w t-tielet darba l-Qorti f'dawn il-proceduri. Fl-ebda

stqarrija ma dehru incerti jew skomdi fil-htija li kienu qed jattribwixxu lil imputat. Minn naha l-ohra, il-Qorti setghet taghmel apprezzament tax-xhieda tal-imputat li fil-fehma taghha, ma deher xejn kredibbli. Huwa kien aktar interessat jgiddeb li-sinjuri Lofts milli jipprova l-innocenza tieghu. Huwa beda billi esibixxa pjanta biex juri d-distanza li hemm mill-lukanda Calypso sa Ghar Qawqla pero mill-atti minn imkien ma jirrizulta li s-sinjuri Lofts indikaw f'liema parti ta' Ghar Qawqla gara l-incident u ghalhekk l-imputat ma jistax jghid li ddum aktar minn hames minuti biex tasal sal-post tal-incident, jekk u salv ma jkunx mar hu fuq il-post tal-incident qabel.

Huwa jghid li l-kelb tieghu huwa kbir u fil-fatt esibixxa ritratt tieghu. Il-kelb llum huwa ta' daqs medju, huwa iswed, u huwa sufi u ma jmerix dak li fil-fatt qalu s-sinjuri Lofts anzi semmai, jikkolobora d-deskrizzjoni li taw tieghu.

Huwa ma jghidx x'kien liebes dakinhar jew almenu tella lil xi hadd li kien mieghu dakinhar jghid x'kien liebes u ghalhekk jipprova jikontradixxi dak li qalu dwar l-ilbies tieghu.

Huwa ressaq prova biss u cioe lil martu sabiex tghid li minn nofs siegha ta' wara nofsinhar sas-siegha ta' wara nofsinhar cirka ta' dakinhar ma kienx id-dar, izda kien miexi Marsalforn, illi din wkoll tikkolobora l-hinijiet indikati mis-sinjuri Lofts bhala dawk ta' meta sehh l-incident.

Il-Qorti ghalhekk thoss li d-Difiza ma rnexxilhiex tipprova li x-xhieda tal-Prosekuzzjoni ma humiex kredibbli.

Id-Difiza sostniet li l-Prosekuzzjoni m'imxietx sew fil-kwistjoni tal-identifikazzjoni tal-imputat. Il-Qorti tissottolinea li certament hu desiderabbli li l-identifikazzjoni tal-imputat ssir bla ma dak li jkun imsejjah biex jiddentifika jigi b'xi mod, anke involuntarjament, suggestjonat u hi nota l-prattika rakkomandata f'certi kazijiet fis-sens li f'identifikazzjoni simili, meta jkun mehtieg jingabru xi persuni piu o meno tal-istess eta u klassi socjali tad-detenut, li jkun jista jiehu post fejn trid fosthom. Izda biex issir il-prova tal-persuna li ghandha tigi

maghrufa mhux mehtieg bhala regola li x-xhud jaghraf dik il-persuna minn fost persuni ohra, hlief meta l-Qorti, f'xi kaz partikolari jkun jidhrilha xieraq taghmel dan ai finijiet ta' gustizzja. Dwar r-regoli ta' kif ghandhom isiru l-identifikazzjonijiet vide [**Il-Pulizija v Alfred Bugeja** ***deciz nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Frar 2000*** u **Il-Pulizija v Stephen** ***Zammit deciza nhar il-hmistax ta' Lulju 1998 mill-Qorti tal-Appell Kriminali***].

Fil-fatt minn ezami tal-artikolu 648 tal-Kap 9 il-ligi ma ssemmi xejn dwar kif ghandha ssir identifikazzjoni ta' persuna. Bir-rispett kollu pero dan kollu m'ghandu x'jaqsam xejn ghaliex l-imputat gie identifikat mill-vittmi sa mill-bidu nett qabel ma saret l-identifikazzjoni tieghu fil-bitha tal-Ghassa tal-Pulizija u fil-fatt fuq struzzjoni tieghu li gie mitlub jifforma parti mill-identifikazzjoni u ghalhekk din s-sottomissjoni tad-Difiza, m'ghandhix tinghata widen.

Issa minn ezami tal-fatti kif ppruvati w emnuti minn din il-Qorti, din l-istess Qorti trid tara jekk dawn jammontawx ghar-reati moghtija fil-konfront tal-imputat odjern.

Dwar l-ewwel reat, u cioe dak ta' korruzzjoni ta' minorenni, il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 203 li jiddisponi "li kull min b'eghmil zieni jikkorrompi persuna ta' taht l-eta'." Is-sub artikolu (1) jelenka c-cirkostanzi aggravanti ghal dan r-reat u cioe:

a. jekk d-delitt isir bi hsara ta' persuna li m'ghalqitx l-eta ta' tnax il-sena, inkella bi vjolenza;

b. jekk d-delitt isir b'theddid jew b'qerq;

c. jekk d-dlitt isir minn axxendent mid-demm jew bi zwieg jew mill-missier jew l-omm addottivi, jew mit-tutur tal-minuri, jew minn haddiehor li lilu imqar jekk ghal xi zmien, ikun gie fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebu, jedukah, jindukrah jew jzommu.

Il-**Professur Mamo** fin-***Noti*** tieghu ***Notes on Criminal Law***, jelenka t-tlett elementi ta' dan r-reat u cioe:

1. l-eta tal-vittma li ghandha tkun inqas minn tmintax il-sena;

2. l-element materjali tar-reat u cioe l-atti impudici maghmula jew fuq il-vittma jew fil-presenza tal-vittma; u

3. l-korruzzjoni tal-minorenni.

Huwa jghid li:

*"For the subsistence of the crime it is not necessary that the defilement shall be immediate. The very young age of the person, with whom the lewd acts have been committed, does not rule out the crime, if the remembrance of such acts is calculated to cause the defilement. Indeed according to our law, if the victim is under twelve years of age, that is reason for aggravating the crime… In other words, if the acts in question are lewd acts, that is apt to bring about a lesion of the moral integrity of the passive subject in respect of sexual matters, then in the absence of any indication that the said passive subject has not been effected by these acts, for example become he or she was to some degree already depraved - whoever has to judge the facts may reasonably conclude that there was actual or effective defilment.*"

Kif gie enuncjat fis-sentenza deciza mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin ta' Frar 1975*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v George Portelli**, il-gudikant ghandu jaghmel l-apprezzament tieghu tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz u jqabbel in-natura tal-att mal-grad ta' korruzzjoni gia milhuq mill-minuri biex jara jekk dak l-att kommess fuq il-persuna jew anke fil-presenza biss tal-minuri, jista attwalment jinghad li bih l-persuna giet korrotta.

Importantissimu fl-opinjoni ta' din il-Qorti dak li jghid l-awtur **Filippo Marci** fl-opera tieghu ***Reati Sessuali [Torino Fratelli Borca - Edit. 1927 - pg. 194]*** li f'dan id-delitt l-legislatur ried d-dannu effettiv, li ma jistax jigi presunt. Imma ghandu jigi ppruvat bhala fenomenu accettabbli u ghalhekk iddispona li l-attijiet ta' libidini jridu

"jikkorrompu" u mhux semplicement li "jistghu jikkorrompu" kif kien jghid kieku dan kien il-hsieb u l-intenzjoni tieghu.

"*Ed e' nozione elementare*" jkompli jghid "*che a produrre il fenomeno non basta la causa, e la qualita e capacita di esso a produrlo ma e' necessario l'offerta che lo compliti e lo esamisca perche ci sia un danno della corruzione.*"

Dwar t-tifsira ta' dak li jikkostitwixxi *atti di libidine*, il-Qorti taghmel referneza ghal sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tmienja ta' Jannar 1996*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Thomas Wiffen** li tghid:
"*Lewd acts are therefore all those acts 'diretti ad ecitare la propria consupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli ovvero diretti a sodisfare sifatta concupiscenza' the duration of these acts is immaterial for the nature of a lewd act. Whether there has been difilement or not, is not something that can be measured with any known scientific instrument, but is something which has to be assessed by the prudent judge, the lay judge in the case of a trial by jury, the professional magistrate or judge in all other cases - taking into account all the circumstances of the case, including in particular the age of the victim and the nature of the act or acts.*"

Issa f'dan il-kaz, il-Qorti hija rinfaccjata bi problema u cioe l-eta tal-allegat vittma Rebecca. Id-Difiza issostni li galadarba il-Prosekuzzjoni ma esibitx c-certifikat tat-twelid tal-vittma, allura ma hemmx provi tal-eta taghha u ghalhekk stante li dan hu element essenzjali ta' dan r-reat, l-akkuza ma tistax tirrizulta.

Illi filwaqt li l-Qorti taqbel li l-ahjar prova ta' l-eta ta' minorenni f'kaz ta' korruzzjoni, hija l-att tat-twelid, u jkun aktar regolari li din il-prova ssir bil-produzzjoni ta' dak l-att, ghalkemm dan in-nuqqas ma jfissirx bilfors li l-vittma ma hiex taht l-eta u dan ghaliex jista jirrizulta minn cirkostanzi partikolari ohra [vide **Il-Pulizija v Leading Steward Victor Dalmas** ***deciza nhar t-tlettax ta' Mejju 1961 mill-Qorti tal-Appell Kriminali***].

F'dan il-kaz pero, peress li ma kienetx din il-Qorti kif preseduta li gabret il-provi u rat b'ghajnejha lil allegat vittma, ma tistax tasal ghal konkluzzjoni konkreta li l-vittma kienet minuri u ghalhekk stante n-nuqqas ta' tali prova u cioe ta' element essenzjali ghal ezistenza ta' dan r-reat, il-Qorti ma tistax ssib lil imputat hati ta din l-akkuza.

Dwar it-tieni akkuza, u cioe dik proposta fl-artikolu 209 u cioe li l-imputat offenda l-pudur jew il-morali tas-sinjuri Lofts b'eghmil li sar f'lok pubbliku, il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju dwar is-sejba ta' htija dwar din l-akkuza ghaliex ma hemmx dubbju li skond ma ddeskrivew is-sinjuri Lofts, l-eghmil tal-imputat u cioe li neza gharwien, immasturba u ghamel sess orali fil-bajja ta' Ghar Qawqla, jammonta ghal dak li jiddisponi dan l-artikolu tal-ligi u ghalhekk il-Qorti sejra ssib lil imputat hati ta' din l-akkuza.

Dwar il-kontravenzjoni proposta fl-artikolu 338(q) tal-Kap 9 ma hemmx dubbju li din tirrizulta wkoll mix-xhieda tas-sinjuri Lofts.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 203, 209, 338(q), 17(c)(b)(h), 20, 22 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Tiddecidi billi tiddikjara li ma ssibx lil imputat JOSEPH SULTANA hati tal-akkuza kif imsemmija fl-artikolu 203 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe korruzzjoni ta' minorenni u ghalhekk tilliberah minn din l-akkuza u tiddikjara li qed ssibu hati tal-akkuza ta' offiza ghal pudur jew ghal morali maghmul fil-pubbliku [artikolu 209], il-kontravenzjoni proposta fl-artikolu 338(q) talli neza gharwien f'xatt il-bahar u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' mija u hamsin lira maltin [LM 150].**

Il-Qorti kkundannat lil imputat ghall-hlas ta' multa billi applikat l-artikolu 21 tal-Kap 9 fl-ghoti ta' piena u ma kkundannatx lil imputat piena karcerarja, peress li wara li qiset ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz innotat li l-vittma kienet esposta ghax-xena ta' offiza ghal pudur taghha

ghal perjodu zghir ta' minuti u li l-persuna fizika taghha ma kienux involut f'tali incident.

Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes ta' esperti nominati, il-Qorti ezaminat il-proceduri w innotat li ma kien hemm ebda nomina maghmula ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din l-istess talba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------